**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 30 ta' Marzu 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 296/2016 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:[1]

1. *Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieldu zewgt itfal, K u R F u permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Ruth Antoinette Grima datat 20 ta' April 2011 (Dok RS1), huma irregolaw certi kundizzjonijiet li jirrigwardaw lil-istess imsemmija zewgt itfal minuri;*

[1] Fol. 1.

2. *Illi a teur tal-artikolu tmienja (8) tal-istess kuntratt l-komparenti A B obbliga ruhu illi jissoministra lill-Omm ghall-uliedu minuri manteniment fis-somma ta' €50 kull gimgha ghal kull wild u b'kollox ghalhekk is-somma ta' €100 fil-gimgha ghal imsemmija zewgt itfal minuri. Il-manteniment jinkorpora l-ispejez tas-sahha u edukazzjoni;*

3. *Illi c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrent inbiddlu u dan minhabba li inqalghu kumplikazzjoni kbar f'sahhet ir-rikorrent u llum il-gurnata ma jistax jahdem u huwa mnizzel fir-Registru ta' Persuni b'Dizabilita; (Dok RS2);*

4. *Illi kawza ta' dawn ic-cirkostanzi is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent tbiddlet drastikament tant li l-esponent ma jistax ikompli jhallas il-manteniment u l-ispejjez tat-tfal hekk kif patwit fil-kuntratt u dan kif sejjer jigi ippruvat ahjar fil-mori ta' din l-kawza;*

5. *Illi l-esponent ihoss li c-cirkostanzi partikolari tieghu jaghtu lok ghal revizjoni fi klawsola tmienja (8) tal-istess kuntratt ghal dak li jirrigwarda l-manteniment patwit u ghalhekk qed jipprocedi f'din l-istanza;*

6. *Illi kif ser jigi ippruvat fil-kawza, il-mezzi u l-introjtu tal-intimata huma hafna iktar floridi minn dawk tal-esponent;*

7. *Illi l-esponent gie awtorizzat illi jipprocedi f'din l-istanza permezz ta' Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat Dok RS3;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragubijiet premessi:*

1. *Tikkonsidra l-mezzi u d-dhul rispettiv ta' kull parti u tiddikjara li c-cirkostanzi finanzjarji tal-esponent iddeterjoraw minn mindu l-partijiet dahlu ghal dan il-ftehim, kf ukoll li l-intimata ghandha introjtu finanzjarju ferm ahjar minn tar-rikorrent;*

2. *Timmodifika billi tordna tnaqqis fil-manteniment li r-rikorrent ghandu jhallas lill-intimata ghaz-zewg minuri, liema manteniment ghandu jinkorpora wkoll l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi fl-ewwel lok l-attur ma setax jibda din il-kawża qabel ma jhallas l-ispejjez ta' kawza ohra li kien ghamel bhal dik odjerna, u cioe' dik fl-ismijiet premessi, bn-numru 124/12 AL, ceduta fit-22 ta' Mejju 2014 (Dok. AC 1); u dan ai termini ta' l-Artikolu 907 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dank if ha jirrizulta waqt il-kawza.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, dan huwa t-tieni tentattiv f'hames snin li bih l-attur permezz ta' kawza qed jipprova jirrevedi l-manteniment ta' ulied il-partijiet. Fl-ewwel kawza, miftuha biss ftit xhur wara illi kien gie ffirmat il-kuntratt ta' bejn il-partijiet, kien sostna illi kellu negozja u falla, u sussegwentament ceda l-kawza; din id-darba qieghed jallega li qed jitlob revizjoni minhabba ragunijiet ta' mard. Dwar dan il-punt, tajjeb li jinghad illi l-attur ghandu jipprova dak li qed jallega, u ghandu jipprova wkoll illi mihabba l-mard li qed jallega li ghandu, ma jistax ikollu introjtu sufficjenti sabiex jaghti l-manteniment lil uliedu.*

4. *Illi jekk ir-raguni tal-mard hija hekk kif indikata fid-Dok. RS2 prezentat mill-attur stess, u cioe' l-epilessija, dan ma jezonerax lill-attur b'mod awtomatiku mili jaghmel xi forma ta' xoghol. Dan ghaliex persuni f'din il-kundizzjoni jistghu xorta wahda jahdmu f'xoghol li ma jkunx konfliggenti ma' din id-dizordni. Dwar is-sors tal-mard ta' l-attur pero', l-esponenti tirriserva li tressaq risposti ulterjuri wara li waqt il-gbir tal-provi jsir maghruf b'mod car x'inhu dan is-sors u s-severita' tieghu.*

5. *Illi hawnhekk japplika b'mod car il-principju tal-pacta sunt servanda, specjalment jekk minkejja l-kundizzjoni tieghu, l-attur jista' jahdem u allura jaghmel xorta xoghol bi qliegh biex imantni lilu nnifsu u johrog il-*

[2] Fol. 26.

*manteniment ghal uliedu.*

6. *Illi f'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, meta wiehed jikkonsidra illi l-manteniment pattwit bejn il-partijiet fil-ftehim taghhom ta' l-2011, u cioe' hamsin Euro (€50) fil-gimgha, jinkludi wkoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni, din hija raguni bizzejjed sabiex dan l-ammont ta' manteniment ma jigix disturbat, ghaliex fil-verita' llum il-gurnata manteniment ta' din ix-xorta jirrapprezenta l-minimu li wiehed jista' jhallas.*

*Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti jew eccezzjoijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat id-digriet tat-28 ta' Ottubru 2016 fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti fil-liġi;[3]

Rat id-digriet tat-12 ta' Marzu 2018, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur dwar l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni;[4]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Greta Mifsud Agius,[5] u sussegwentament ġiet sostitwita b'Dr Abigail Critien,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti eżebiti mill-istess xhieda;

Rat il-kuntratt datat 20 ta' April 2011 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Ruth Antoinette Grima;[7]

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2014 tal-kawża bl-ismijiet **A B vs C D** bin-numru 124/2012 AL, fejn il-kawża ġiet ċeduta;[8]

[3] Fol. 13.
[4] Fol. 754.
[5] Maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2017, a fol. 108.
[6] Maħtura għal tali fini permezz ta' digriet datat 5 ta' Novembru 2018, a fol. 908.
[7] Fol. 6.
[8] Fol. 30.

Rat li fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2017, il-konvenuta rtirat l-ewwel eċċezzjoni, filwaqt li ddikjarat li żżomm ferm mal-bqija tal-eċċezzjonijiet l-oħra;[9]

Rat il-*card* maħruġa fuq isem l-attur mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' stante li l-attur ibati mill-kundizzjoni tal-epilessija, liema *card* hija valida sal-15 ta' Novembru 2026;[10]

Rat id-digriet abbażi tal-Artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta datat 22 ta' Ġunju 2022;[11]

Rat in-nota ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali tad-19 ta' Lulju 2022;[12]

Rat il-verbal tas-16 ta' Novembru 2022,[13] fejn il-Qorti tat mill-ġdid il-fakolta' lill-partijiet sabiex jippreżenta in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[14]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;[15]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[16]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-partijiet kellhom relazzjoni flimkien, minn liema relazzjoni twieldu l-minuri K u Ruby F, aħwa B nhar it-23 ta' Frar 2007 u t-30 ta' Settembru 2008, rispettivament. Il-partijiet għażlu li bonarjament jirregolaw permezz ta' kuntratt datat 20 ta' April 2011 dawk il-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-imsemmi

---

[9] Fol. 108.
[10] Fol. 12.
[11] Fol. 1184.
[12] Fol. 1190.
[13] Fol. 1245.
[14] Fol. 1246.
[15] Fol. 1261.
[16] Fol. 1245.

minuri, ċjoe' is-setgħa ta' ġenitur, il-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment, liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Ruth Antoinette Grima. Dan il-kuntratt, speċifikament fir-rigward tal-manteniment, jistipula:

*"D. Manteniment:*

*8. Il-Missier jobbliga ruhu li jissoministra ill-Omm ghall-uliedu minuri manteniment fis-somma ta' hamsin euro (€50) kull gimgha ghal kull wiehed miz-zewgt tfal minuri, u b'kollox ghalhekk is-somma ta' mitt euro (€100) fil-gimgha ghall-imsemmija zewgt itfal minuri. Dan il-manteniment ghandu jinkorpora l0ispejjez kollha relattivi ghall-minuri, nkluzi dawk ta' l-edukazzjoni u tas-sahha. Dan il-manteniment jithalas kull nhar ta' Sibt kif qed jithallas prezenzjalment permezz ta' bank transfer fil-kont bankarju ta' l-Omm mal-Banif Bank u liema kont igieb in-numru wieħed tlieta zero disgha wiehed hamsa wiehed tmienja zero zero wiehed (13091518001).*

*Il-missier ghandu ukoll jipprovdi ghall-ikel ta' l-istess tfal meta huwa jkun qed jezercita d-drtt tieghu ta' access. Dan l-obbligu ta' manteniment jigi rivedut kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja mahrug mill-Gvern, u noltre jigi terminat malli l-minuri jghalqu it-tmintax (18)-il sena u/jew meta dawn jibdew jahdmu bi qliegh, skond liema kundizzjoni tavvera ruha l-ewwel".*

Permezz tar-rikors odjern intavolat minn A B l-20 ta' Diċembru 2016, jiġi spjegat illi permezz tal-kuntratt rigward il-kwistjonijiet tal-minuri l-partijiet ftehmu li l-attur jissoministra s-somma ta' €50 għal kull wild fil-ġimgħa, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni ta' kull wild. Madanakollu, fir-rikors ġuramentat jiġi allegat illi ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-attur inbiddlu stante kumplikazzjonijiet kbar f'saħħtu tant li llum ma jistgħax jaħdem u jinsab imniżżel fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilita'. B'hekk fil-fehma tiegħu, hemm lok illi ssir reviżjoni fi klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt in kwistjoni. Fid-dawl ta' dan, permezz tal-kawża odjerna, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-attur iddeterjoraw u konsegwentament tordna tnaqqis fil-manteniment pattwit, liema tnaqqis jagħti lok għal modifika fil-kuntratt in eżami.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta teċċepixxi illi dan huwa t-tieni tentattiv tal-attur f'ħames snin fejn qed jittenta jirrevedi l-manteniment kif pattwit mill-partijiet, hekk kif l-ewwel darba l-attur kien saħaq illi ċ-ċirkostanzi finanzjarji tiegħu tbidlu

drastikament minħabba li n-negozju tiegħu falla. Madanakollu l-konvenuta tisħaq illi f'dan il-każ, l-attur għandu l-obbligu li jipprova l-allegat mard kif ukoll li minħabba f'hekk ma jistgħax jaqla' introjtu sufficjenti – anke' jekk skontha l-kundizzjoni tal-epilessija ma teżonerax awtomatikament lill-attur milli jaħdem. Tikkonkludi illi għalhekk f'dan il-każ għandu japplika l-prinċipju tal-*pacta sunt servanda*, u jekk minkejja l-kundizzjoni tiegħu tiġi ppruvata, l-attur xorta waħda jista' jaħdem u per konsegwenza jaqla' l-għixien għalih u jipprovdi finanzjarjament għal uliedu.

## 2. Il-Verżjonijiet tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:

Permezz tal-affidavit tiegħu,[17] l-attur jispjega illi minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta twieldu żewġt itfal, senjatament K u Ruby F, aħwa B, li twieldu nhar it-23 ta' Frar 2007 u t-30 ta' Settembru 2008 rispettivament. Madanakollu meta r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet, huma stess iddeċidew li jirregolaw il-kwistjonijiet rigwardanti l-minuri permezz ta' kuntratt datat 20 ta' April 2011, liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Ruth Antoinette Grima, fejn l-attur obbliga ruħu illi jħallas is-somma ta' €50 fil-ġimgħa għal kull wild bħala manteniment, liema somma kienet tinkludi sehem l-attur stess għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-wild. L-attur jispjega li huwa għamel dan il-ftehim għaliex kellu negozju tal-kafe li kien jaqa' taħt kumpanija bl-isem ta' Fresh Cup Services Ltd., fejn kien isewwi l-magni tal-kafe, jixtri u jbiegħ il-kafe u prodotti relatati, minn liema negozju l-attur jgħid li kellu introjtu ta' €1,000 fix-xahar. Magħdud ma' dan, l-attur jispjega ukoll li fil-perjodu bejn it-12 ta' Ġunju 2013 u l-10 ta' Jannar 2014 kien jaħdem ukoll mal-Ministeru tal-Enerġija bħala *secretariat messenger*, kif ukoll għamel żmien jaħdem fuq bażi *part-time* bħala *cab driver*.

Konsegwentament jgħid li f'Lulju 2011 kien qabdu uġigħ kbir f'ġenbu tan-naħa tal-lemin (*right groin*) u daħal b'emerġenza l-isptar Mater Dei, fejn għamel sitt (6) ijiem rikoverat taħt l-osservazzjoni tal-Professur Laferla u s-Sur German. Minn dakinhar 'il quddiem jgħid li baqa' dejjem bl-uġigħ, dieħel u ħiereġ l-isptar, jieħu regolarment *pain killers*, u minkejja li għamel ħafna testijiet ma kienux sabu eżatt minn xiex kien qed ibati. Kien proprju fi Frar 2015 li skopra li bis-saħħa tal-Professur Zammit skopra li kien qed ibati minn *spectru inguinal hernia*. Għalhekk fis-27 ta' Marzu 2015, l-attur jgħid li daħal għal operazzjoni l-isptar Mater Dei u

[17] Fol. 36.

sfortunatament xi ħaġa marret ħażin, tant li jisħaq li għadu għaddej bil-kumplikazzjonijiet sal-preżent hekk kif dejjem ikun muġugħ. Kien ukoll taħt l-osservazzjoni tas-Sur Abela, li flimkien mat-tabib ta-familja tal-attur Dr Saliba jaħsbu li l-attur għandu *nerve intrapment*, għal liema kundizzjoni tista' ssir operazzjoni li tista' dgħajjef lill-attur, anke' jekk tali operazzjoni ma hijiex garantita li ssolvi l-uġigħ tal-attur. Magħdud ma' dan, l-attur jgħid li ġie offrut *block nerve* li tikonsisti injezzjoni kull sitt (6) xhur li taġixxi bħala *pain killer* billi traqqadlu n-nervaturi.

L-attur ikompli jispjega illi fil-31 ta' Awwissu 2016 ġie rikonoxxut bħala persuna b'diżabilita' fiżika mill-Jobsplus, u fil-15 ta' Novembru 2016 ġie rikonoxxut ukoll bħala bniedem diżabli mill-Kummissjoni Nazzjonai Persuni b'Diżabilita'. Huwa jispjega li d-diżabilita' fiżika li jinsab fiha hi li *inter alia* ma jistgħax jimxi ħlief għal distanza qasira bil-krozzi, ma jistgħax jibqa' għal ħin twil bilwieqfa, isuq biss għal distanza qasira, ma jistgħax jerfa' u jqandel slielem. Saħħtu marret lura ħafna, tant li sussegwentament ukoll beda jbati minn dipressjoni u ansjeta', tant li jagħmel ħafna ħin mistrieħ u mindud. Nelfrattemp sab għajnuna minn martu li tgħinu fil-ħajja ta' kuljum, kif ukoll minn għand il-psikjatra Dr D u Dr Xuereb. Minħabba tali kundizzjoni, kellu ukoll iċedi n-negozju tiegħu fl-24 ta' Novembru 2012 bla qligħ għaliex kellu jħallas id-dejn li kellu ma' Salvo Vasta billi dan tal-aħħar ħa fuq ismu l-kumpanija tal-attur, li kien offra lill-attur ukoll xogħol fuq bażi *part-time* każwali. Fil-fatt l-attur jikkonferma li mill-1 ta' Awwissu 2013 sal-31 ta' Mejju 2016 kien jaħdem mal-istess kumpanija fuq bażi *part-time*, u kellu dħul ta' €200 fix-xahar.

Dak iż-żmien xorta waħda baqa' jissoministra l-manteniment lill-uliedu u dan għaliex kellu xi ħaġa tal-flus imfaddla filwaqt li kien selfu xi flus missieru tant li llum għandu dejn ta' €7,000 ma' missieru stess. Jiġi spjegat li llum il-ġurnata jsibha diffiċli sabiex iħallas il-manteniment kif pattwit hekk kif huwa ma għandu xejn imfaddal, missieru ma jistgħax jisilfu iktar flus, u huwa ma għandu l-ebda introjtu hekk kif ħadem l-aħħar darba mill-1 ta' Ġunju 2016 sas-27 ta' Marzu 2017. Huwa b'hekk jiċħad dak kollu li tallega l-konvenuta u ċjoe' li huwa dejjem ġej u sejjer ir-Russja u li waqaf mix-xogħol volontarjament.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur iressaq is-segwenti provi:

a. *L-affidavit ta' Emanuel B, ossija missier l-attur, maħluf u ppreżentat nhar it-3 ta' Mejju 2017*,[18] li jikkonferma l-verżjoni tal-attur, ċjoe' li ibnu marad f'Ġunju 2016 u jżid jgħid li ibnu ma għandux flus u lanqas proprjeta' tant li hu u martu jgħixu miegħu;

b. *L-affidavit ta' Rita B, ossija omm l-attur, maħluf u ppreżentat nhar it-3 ta' Mejju 2017*,[19] li tikkonferma l-verżjoni tal-attur u żewġha;

c. *L-affidavit ta' Svetlana B, ossija mart l-attur, maħluf u ppreżentat nhar it-3 ta' Mejju 2017*,[20] li tikkonferma l-verżjoni ta' żewġha;

d. *Kopja tal-FS3 tal-attur meta kien jaħdem fin-negozju Fresh Cup Services Ltd*: (i) għas-sena bażi 2010 fejn id-dħul gross tiegħu kien dak ta' €1,200,[21] (ii) għas-sena bażi 2009 fejn id-dħul gross tiegħu kien dak ta' €1,200;[22]

e. *Ittra datata 11 ta' Diċembru 2013 maħruġa mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma u mingħuta lill-attur*,[23] fejn ġie ddikjarat li l-impjieg tal-attur ġie tterminat immedjatament;

f. *Formola tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali datata 12 ta' Ġunju 2013,*[24] fejn ġie dikjarat illi l-huwa kien impjegat mal-Ministeru għall-Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma mit-12 ta' Ġunju 2013 bi dħul nett ta' €285 fil-ġimgħa;

g. *Formola rigward it-terminazzjoni tax-xogħol tal-attur mal-Ministeru għall-Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma*;[25]

h. *Dokumenti hekk imsejha Case Summaries tal-attur maħruġa mill-isptar Mater Dei*: (i) dokument iffirmat minn Dr Imed Ben Moussa, fejn jidher li l-attur kien rikoverat l-isptar mit-12 ta' Lulju 2011 sas-17 ta' Lulju 2011 minħabba *"sudden onset of abdo pain associated with nausea and vomiting"*,[26] (ii) dokument iffikar minn Dr Daniele Lauretta Agius, fejn

---

[18] Fol. 33.
[19] Fol. 34.
[20] Fol. 35.
[21] Fol. 45.
[22] Fol. 46.
[23] Fol. 47.
[24] Fol. 48.
[25] Fol. 49.
[26] Fol. 50.

jidher li l-attur daħal l-isptar nhar is-27 ta' Marzu 2015 għal *"an elective open right inguinal hernia repair"*;[27]

i. *Ċertifikati maħruġa minn Dr C. Saliba datati 5 ta' Jannar (sena mhux leġibbli),[28] 9 ta' Ġunju 2016,[29] u 16 ta' Novembru 2016*,[30] fejn jikkonferma li minħabba kundizzjoni medika l-attur ibati minn *chronic pain* u kif ukoll dipressjoni, fejn jagħmlu użu minn krozzi u konsegwetament ġie ċċertifikat bħala *"invalidated person"*;

j. *Medical Assessment datat 31 ta' Awwissu 2016 minn Dr Joe Pace fiċ-ċentru ta' Jobsplus wara applikazzjoni mill-attur stess sabiex jiġi mniżżel fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilita' tal-Jobsplus*;[31]

k. *Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni bin-numru 7825 fir-Reġistru ta' Persuni b'Diżabilita' maħruġ fit-12 ta' Settembru 2016;*[32]

l. *Card maħruġa f'isem l-attur mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', valida sal-15 ta' Novembru 2026;*[33]

m. *Biljett maħruġ f'isem l-attur għal Parkeġġ għall-Persuni b'Diżbilita', validu sal-15 ta' Novembru 2021*;[34]

n. *Riċetti mill-psikjatra Dr Hector D datata 25 ta' Jannar 2017,[35] 22 ta' Frar 2017,[36] 25 ta' Jannar 2017*;[37]

o. *Ċertifikat ta' Dr Mark Xureb datat 6 ta' Marzu 2017*,[38] fejn jagħmel referenza għaċ-ċertifikat tal-Professur Abraham Galea datat 3 ta' Marzu 2010 dwar id-dipressjoni reattiva u/jew ansjeta' neurotika tal-attur,[39] u ikkonferma li l-attur *"requires all the assistance possible due to ongoing physical and psychological issues"*, kif ukoll lista tal-problemi li jbati

[27] Fol. 53.
[28] Fol. 55.
[29] Fol. 56.
[30] Fol. 57.
[31] Fol. 58.
[32] Fol. 66.
[33] Fol. 67.
[34] Fol. 68.
[35] Fol. 69.
[36] Fol. 71.
[37] Fol. 72.
[38] Fol. 73.
[39] Fol. 77.

*minnhom l-attur* u ċjoe': (i) *addiction disorders, chronic mood disorders, chronic psychiatric disorders starting in childhood, psychosis,*[40] u l-*mediċina li qed jieħu l-attur*;[41]

p. *Skrittura privata datata 24 ta' Novembru 2012 bejn l-attur fil-kapaċita' tiegħu ta' Direttur ta' Fresh Cup Services Ltd u Salvo Vasta,*[42] fejn ġie kkonfermat li d-dejn pendenti ta' €33,095 li kellu l-attur mal-istess Vasta ġie saldat permezz ta' magni tal-kafe' kif ukoll lista ta' klijenti, u għalhekk id-direttur il-ġdid tal-kumpanija Fresh Cup Services Ltd. għandu jkun is-Sur Salvo Vasta;

q. *Dokument maħruġ mir-Registrar of Companies datat 30 ta' Lulju 2013,*[43] fejn ġie kkonfermat li l-kumpanija Fresh Cup Services Ltd. ġiet reġistrata nhar l-24 ta' Novembru 2006, u skont l-aħħar riċerki id-direttur u s-segretarju tal-istess kumpanija huwa Salvo Vasta, li għandu 500 ishma b'valur ta' €2.33 għal kull *share*;

r. *Dokument hekk imsejjaħ 'Share Transfer Agreement' datat 22 ta' Frar 2013 bejn l-attur u Salvo Vasta*,[44] fejn l-attur ttrasferixxa lill-istess Vasta 500 ishma b'valur ta' €2.33 kull *share* fil-kumpanija bl-isem Fresh Cup Services Lts bin-numru ta' reġistrazzjoni C-40041 u reġistrata nhar l-24 ta' Novembru 2006;

s. *Kopja tal-Form T datata 22 ta' Frar 2013, sabiex isir it-trasferiment tal-ishma fil-kumpanija Fresh Cup Services Ltd minn fuq l-attur għal fuq isem Salvo Vasta*;[45]

t. *Kopja tal-Form K datata 22 ta' Frar 2013, sabiex isir il-bidla fil-pożizzjoni ta' segretarju, u rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-kumpanija Fresh Cup Services Ltd, ċjoe' mill-attur għal Salvo Vasta*;[46]

u. *Formola datata 20 ta' Settembru 2013 bid-dettalji tal-attur sabiex ikun ingaġġjat ma' Salvo Vasta fil-kumpanija Fresh Cup Services Ltd*;[47]

[40] Fol. 74.
[41] Fol. 75.
[42] Fol. 78.
[43] Fol. 81.
[44] Fol. 82.
[45] Fol. 83.
[46] Fol. 84.
[47] Fol. 85.

v. *Formola datata 28 ta' Mejju 2016 bid-dettalji tal-attur fejn l-impjieg tiegħu mal-kumpanija Fresh Cup Services Ltd ġie terminat minħabba 'lack of work/redundant'*;[48]

w. *Kopja tal-payslips tal-attur għax-xogħol tiegħu mal-kumpanija Fresh Cup Services Ltd*: (i) Jannar 2016 fejn id-dħul net kien dak ta' €181.54,[49] (ii) Frar 2016 fejn id-dħul net kien dak ta' €358.46,[50] (iii) Marzu 2016 fejn id-dħul net kien dak ta' €573.27,[51] (iv) April 2016 fejn id-dħul net kien dak ta' €754.81,[52] (v) Mejju 2016 fejn id-dħul net kien dak ta' €931.73;[53]

x. *Dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali lill-attur datat 11 ta' Jannar 2017,*[54] fejn ġie nfurmat li t-talba tiegħu għall-għajnuna għall-qgħad ġie awtorizzat bir-rata ta' €111.36 fil-ġimgħa flimkien ma' €3,12 fil-ġimgħa bħala bonus addizzjonali;

y. *Rendikont maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali datat 20 ta' Marzu 2017 u dan għal perjodu bejn il-21 ta' Jannar 2017 u l-25 ta' Marzu 2017*;[55]

z. *Dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali datat 4 ta' April 2017 fejn l-attur ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu għall-għajnuna għall-qgħad ġiet mistħarġa u ġie deċiż li m'għadux intitolat għal tali għajnuna stante li martu bdiet taħdem fuq bażi full-time*;[56]

aa. *Passaport Malti tal-attur maħruġ l-1 ta' Frar 2000 u skada nhar l-1 ta' Frar 2010*;[57]

bb. *Kopja tal-irċevuti tal-attur rigward mediċini*;[58]

cc. *Ix-xhieda ta' Clifford Portelli in rappreżentanza ta' CRPD*,[59] li jikkonferma li l-attur jinsab reġistrat mal-Kummissjoni u għandu: (i) karta tal-identita' speċjali, u (ii) blue card għall-parkeġġ. Jgħid ukoll li l-ewwel applikazzjoni

---

[48] Fol. 87.
[49] Fol. 88.
[50] *Ibid.*
[51] *Ibid.*
[52] Fol. 89.
[53] *Ibid.*
[54] Fol. 90.
[55] Fol. 91.
[56] Fol. 92.
[57] Fol. 93.
[58] Fol. 94 – 106.
[59] Fol. 142.

biex jingħata servizzi saret fl-2016. Għalhekk huwa eżebixxa: (i) kopja ta' *duty free car/free road licence elegibility assessment*,[60] (ii) kopja tal-appuntament mibgħut lill-attur mill-Kumissjoni,[61] (iii) Applikazzjoni għas-servizzi tal-kummissjoni għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilita',[62] (iv) Applikazzjoni għall-eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzja tat-triq,[63] (v) kopja ta; *special ID Card/blue sticker elegibility assessment*,[64] (vi) kopja tal-appuntament mibgħut lill-attur mill-Kummissjoni,[65] (vii) applikazzjoni għall-karta tal-identita' speċjali,[66] (viii) applikazzjoni għall-*blue* sticker;[67]

dd. *Ix-xhieda ta' Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji*,[68] fejn jiddikjara li l-konvenuta ma hijiex involuta f'ebda soċjeta' kummerċjali;

ee. *Ix-xhieda ta' Esmeralda Micallef Zerafa in rappreżentanza ta' Lino Spiteri Foundation*,[69] li tikkonferma li l-konvenut huwa reġistrat mal-fondazzjoni fir-reġistru tal-persuni b'diżabilita' u qed jirreġistra għal impjieg fejn ilu fl-*unemployment register* għal aktar minn sena. Ix-xhud tispjega illi bħala fondazzjoni tgħin lill-persuni b'diżabbilita' sabiex isibu impjieg u ilhom jafu lill-attur sa mis-sena 2016. In kontro-eżami, ix-xhud tgħid li l-fondazzjoni kienet rreferit lill-attur għal korsijiet ta' *training* fosthom kors ma' Transport Malta għal *customer care*, hekk kif l-attur huwa motivat u jixtieq isib xogħol pero' taf li għandu l-limitazzjonijiet tiegħu stante t-tbatija fiżika;

ff. *Ix-xhieda ta' Steven Baldacchino in rappreżentanza ta' BNF Bank*,[70] li jikkonferma li:

(i) L-attur għandu fuq ismu s-segwenti kontijiet: (a) 00009269010001 bħala *current account*,[71] liema *statement* bankarju juru t-transazzjonijiet ta' €100, (b) 00009269010002 bħala *current account*,[72] (c) 00009269010004 bħala *current account*;[73]

---

[60] Fol. 155.
[61] Fol. 156.
[62] Fol. 157.
[63] Fol. 159.
[64] Fol. 160.
[65] Fol. 161.
[66] Fol. 164.
[67] Fol. 165.
[68] Fol. 142.
[69] Fol. 143.
[70] Fol. 144.
[71] Fol. 170 – 176.
[72] Fol. 177.
[73] Fol. 179.

(ii) Il-konvenut għandha fuq isimha s-segwenti kontijiet: (a) 000013091518001 bħala *current account*,[74] f'liema kont jidher li jidħol il-manteniment għal uliedha;

gg. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali*,[75] fejn jikkonferma illi l-attur jipperċepixxi mis-supplimentarji u għal tali fini jeżebixxi dokument li juri r-rati tal-benefiċċji li qed jieħu l-attur, ċjoe' l-aħħar rata hija dik ta' €12.54 fil-ġimgħa.[76] Min-naħa l-oħra u rigward il-konvenuta jingħad illi tipperċepxxi minn *children allowance* fuq K u Ruby, aħwa B, u għal tali fini jippreżenta dokument li juri r-rati li qed tieħu l-konvenuta, ċjoe' l-aħħar rata hija dik ta' €17.32 fil-ġimgħa.[77] Fl-istess waqt ix-xhud jispjega li bħalissa d-Dipartiment għandu pendenti applikazzjoni għall-pensjoni tal-invalidita' li saret fit-30 ta' Ottubru 2017;

Fit-tieni xhieda tiegħu, ix-xhud jispjega li: (a) l-attur kellu jirrifondi lura lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali is-somma ta' €1,136 għal perjodu bejn is-6 ta' April 2013 u l-14 ta' Ġunju 2013 stante *overpayment* f'għajnuna għall-qgħad minħabba li bdiet taħdem martu fuq bażi *full-time*,[78] (b) l-attur kellu l-applikazzjoni tiegħu għall-benefiċċju tal-mard ġiet miċħuda nhar is-26 ta' April 2017,[79] (c) l-attur kellu żewġ applikazzjonijiet għal *severe disability assistace* li ġew miċħuda nhar l-14 ta' Settembru 2017,[80] u nhar l-24 ta' Lulju 2017,[81] u (d) l-attur kellu applikazzjoni għal *disability assistance* li ġiet miċħuda minħabba li ma kienx jissodisfa l-kriterji;[82]

hh. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc*,[83] fejn fuq isem l-attur irriżulta kont wieħed bin-numru 40021493795 bħala *current account* u ngħalaq fl-2017;[84]

---

[74] Fol. 180.
[75] Fol. 144, 755.
[76] Fol. 183.
[77] Fol. 184.
[78] Fol. 763.
[79] Fol. 766.
[80] Fol. 767.
[81] Fol. 768.
[82] Fol. 769.
[83] Fol. 145.
[84] Fol. 184a – 197.

ii. <u>*Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*</u>,[85] fejn ippreżenta: (a) l-*employment history* tal-attur fejn jidher li l-aħħar impjieg tiegħu kien dak ma' Fresh Cup Services Ltd li ġie tterminat nhar il-31 ta' Mejju 2016,[86] u (b) l-*employment history* tal-konvenuta fejn jidher li tinsab ingaġġjata ma' HSBC Bank Malta plc bħala *clerk* fuq bażi ta' *full time reduced hours*;[87]

jj. <u>*Ix-xhieda ta' Joseph Debono in rappreżentanza tal-Inland Revenue Department*</u>,[88] fejn ġe eżebiti l-*income tax returns* tal-attur u kif ukoll *tax statements*;[89]

kk. <u>*Ix-xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc*</u>,[90] li kkonfermat li:

(a) L-attur għandu fuq ismu s-segwenti kontijiet: (i) 042158899340 bħala *loan account*,[91] (b) 042158899001 bħala *current account*,[92] (c) 5422010772053896 bħala *card account*;[93]

(b) Il-konvenuta għandha fuq isimha s-segwenti kontijiet: (i) 012075511050 bħala *karus account*,[94] (b) 040111320050 bħala *karus account*,[95] (c) 042091371001 bħala *current account*,[96] (d) 012075511301 bħala *loan account*,[97] (e) 012075511300 bħala *loan account*,[98] (f) 4568825010230296 bħala *card account*,[99] (g) 4035710036160724 bħala *card account*;[100]

---

[85] Fol. 145.
[86] Fol. 198 – 203.
[87] Fol. 204 – 205.
[88] Fol. 146.
[89] Fol. 225 – 230.
[90] Fol. 146, 796.
[91] Fol. 231 – 241.
[92] Fol. 242 – 331.
[93] Fol. 332 – 336.
[94] Fol. 337 – 452.
[95] Fol. 453 – 613.
[96] Fol. 614 – 694.
[97] Fol. 695 – 700.
[98] Fol. 701 – 704.
[99] Fol. 705 – 719.
[100] Fol. 720 – 729.

(c) Il-konvenuta kellha kont fuq isimha ma' terza persuna bl-isem ta' Albert Muscat bin-numru 012080065050, u dan għal perjodu bejn is-26 ta' Mejju 2010 u l-25 ta' Ġunju 2015;[101]

(d) Il-kovenuta għandha ukoll *"locker number 720"* li qiegħed Zabbar;

ll. *Ix-xhieda ta' Courtney Grima in rappreżentanza ta' HSBC Life Assurance*,[102] li tikkonferma li l-attur kellu polza ta' protezzjoni fuq ismu li nfetħet f'Marzu 2009 u ngħalqet f'Ġunju 2012,[103] filwaqt li fuq il-konvenuta hemm polza bl-isem ta' *children's plan* li nfetħet f'Awwissu 2007,[104] u u kif ukoll *savings plan* li nfetaħ f'Ġunju 1999;[105]

mm. *Riċerka li saret fir-Reġistru Pubbliku dwar l-assi immobbli li jappartjenu lill-konvenuta bl-isem ta' C D,*[106] *u kif ukoll fuq l-isem C Borg Bonaci*;[107]

nn. *Ix-xhieda ta' Brian Farrugia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[108] fejn jikkonferma li fuq isem il-konvenuta hemm reġistrata vettura waħda TAT-TIP Honda Fit bin-numru ta' reġistrazzjoni AKR-801;[109]

oo. *Ix-xhieda ta' Dr Rita Mifsud in rappreżentanza tal-Aġenzija Sapport*,[110] li tippreżenta dokument li hemm konferma maħruġa mill-Ministeru għall-Finanzi li l-attur huwa intitolat għall-*exemption annual licence fee* b'effett minn Jannar 2017;[111]

pp. *Ix-xhieda ta' Joseph Debono in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni*,[112] fejn eżebixxa kopji tat-*tax statements* tagħha għal perjodu bejn l-2013 u l-2017;[113]

---

[101] Fol. 807 – 864.
[102] Fol. 796.
[103] Fol. 865 – 872.
[104] Fol. 873 – 878.
[105] Fol. 879 – 885.
[106] Fol. 742 – 744.
[107] Fol. 800 – 806, 894 – 900.
[108] Fol. 755.
[109] Fol. 761.
[110] Fol. 756.
[111] Fol. 670.
[112] Fol. 756.
[113] Fol. 771 – 780.

qq. *Ċertifikat mediku tal-Psikjatra Dr Joseph Spiteri datat 23 ta' Frar 2018*,[114] fejn jikkonferma li l-attur *"is unfit for gainful employment"*;

rr. *Ix-xhieda tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri*,[115] li jikkonferma li l-attur ġie riferut għandu mit-tabib tiegħu, u wara eżaminazzjoni ġie kkonfermat li l-attur ibati minn dipressjoni u sintomi psikosomatiċi li qed jaffetwawlu l-mixi tegħu. Magħdud ma' dan ix-xhud jgħid li l-attur għandu ukoll sintomi ta' *entrapment* li tfisser qarsa fin-nerv bħala kumplikazzjoni minn operazzjoni tal-ftuq. Din tal-aħħar flimkien mas-sintomi psikopsomatiċi qed jagħmluh fi stat ta' diżabilita' għax ma jistgħax jimxi. Jikkonferma li l-attur ma huwiex kapaċi għal *gainful employment* u għal tali fini jeżebixxi ċertifikat maħruġ minnu stess datat 23 ta' Frar 2018,[116] kif ukoll ċertifikat maħruġ minn Professur Laferla datat 5 ta' Ottubru 2017 dwar l-*entrapment*.[117] In kontro-eżami, ix-xhud jikkonferma li l-attur għandu għoxrin (20) sena ta' storja ta' dipressjoni, li bħalissa hija kronika stante li t-trattament li qed jieħu bħalissa mhux qed tgħinu. Madanakollu huwa jgħid li l-attur huwa *unfit for gainful employment* għal kwalunkwe xogħol u dan minħabba d-dipressjoni u mhux is-sieq. L-attur jista' jsuq karozza awtomatika.

## 3. Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mresqa Minnha:

Il-Qorti tara li l-konvenuta ma resqitx il-verżjoni tagħha permezz ta' xhieda *viva voce* jew b'affidavit. Madanakollu, sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha kif dedotta fir-risposta ġuramentata tagħha, il-konvenuta resqet is-segwenti provi:

a. *In kontro-eżami l-attur*,[118] jikkonferma li jinsab għaddej bi proċeduri biex jgħaddi *boarded out* minħabba kwistjonijiet mediċi, hekk kif it-tieni deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali ġiet appellata minnu flimkien mal-psikjatra Dr Joseph Spiteri. Jispjega li huwa miżżewweġ u l-mara tiegħu taħdem bħala *salesgirl* fuq bażi *full-time*, filwaqt li huwa għamel żmien reġistrat ma' Lino Spiteri Foundation bil-għan li jsib xogħol iżda dan kienbla suċċess. Għalhekk l-aħħar li ħadem kien fl-aħħar ta' Mejju 2016 bħala *part-time salesman* fuq kafe, kif ukoll jagħmel deliveries mal-kumpanija Fresh Cup Services Ltd, liema kumpanija oriġinarjment kienet tiegħu.

[114] Fol. 781.
[115] Fol. 888.
[116] Fol. 892.
[117] Fol. 893.
[118] Fol. 909.

Huwa ppreżenta s-segwenti dokumenti:

(a) *Sixth Schedule* fuq il-kumpanija Fresh Cup Services Ltd,[119]

(b) *Share Transfer Agreement* ta' Fresh Cup Services Ltd,[120]

(c) Ittra datata 30 ta' Lulju 2013 li tindika li Salvo Vasta huwa d-direttur u s-segretarju tal-kumpanija Fresh Cup Services Ltd,[121]

(d) *Form T - Notice of transfer of transmission of shares,*[122]

(e) *Form K* li turi li l-attur m'għadux direttur tal-kumpanija,[123]

(f) Id-dejn li l-attur kellu ma' Salvo Vasta u li abbażi tagħhom u tah il-kumpanija, l-magni u l-klijenti;[124]

(g) Irċevuta tal-applikazzjoni tal-invalidita';[125]

(h) It-tieni applikazzjoni għall-invalidita';[126]

(i) L-*auditing* tal-kumpanija Fresh Cup Services Ltd għall-aħħar tlett (3) snin li kienet fuq ismu;[127]

(j) Dokumenti ta' *invoicing* li juru li l-ammont ta' debitu li kellha l-kumpanija Fresh Cup Services Ltd kien ta' €33,095 li ġew paċuti bit-trasferiment tal-ishma, iżda li minnhom kien ħallas ukoll xi ħaġa;[128]

b. *In kontro-eżami l-attur*,[129] li jikkonferma li l-aħħar li ħadem bi qligħ jien f'Mejju 2016 fuq bażi *part-time* mal-kumpanija Fresh Cups Ltd, filwaqt li x-xogħol ta' messaġġier kien qabel u waqfuh eżatt ġurnata qabel ma ġie terminat il-*probabtion period*. Min-naħa l-oħra jgħid li llum huwa

[119] Fol. 916.
[120] Fol. 919.
[121] Fol. 920.
[122] Fol. 921.
[123] Fol. 922.
[124] Fol. 923.
[125] Fol. 969.
[126] Fol. 971 – 988.
[127] Fol. 989 – 1042.
[128] Fol. 1043 – 1060.
[129] Fol. 1117.

miżżewweġ, iżda bħala reġim matrimonjali għandhom is-separazzjoni tal-beni u martu taħdem bħala *salesgirl* ma' ħanut tal-ħwejjeġ. Jispjega ukoll li joqgħod ma' martu u l-ġenituri tiegħu ġewwa Santa Luċija Malta;

c. *In kontro-eżami l-attur*,[130] jispjega li minn Marzu 2020 beda joqgħod fl-indirizz *'51, West Street, Valletta'* li huwa fond mogħti lilu permezz ta' *social housing* tal-Gvern, fejn għandu kirja ta' €150 kull tlett (3) xhur. Bħala introjtu jgħid li għandu €506 kull erba' (4) ġimgħat u kull sitt (6) xhur jieħu bonus ta' €136;

d. *Ix-xhieda ta' Ivan Cilia in rappreżentant tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[131] li jikkonferma li l-attur jipperċepixxi minn *allowance* supplimentari.[132] Fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħu għall-pensjoni ta' invalidita' din ġiet aċċettata u l-attur ser jingħata arretrati mill-5 ta' Mejju 2018.[133] Tali aċċettazzjoni hija limitata għal tlett (3) snin u wara tali perjodu jkun jrid jerġa' japplika u jissottometti ruħu għal eżami quddiem bord mediku. B'hekk fil-preżent huwa intitolat għal €110.26 fil-ġimgħa, flimkien ma' bonus, u jekk ma jkunx jeċċedi l-*means test* jingħata ukoll il-benefiċċju supplimentari ta' €10.84 fil-ġimgħa;[134]

e. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[135] fejn ippreżenta dokument li jikkonferma li l-attur jipperċepixxi mill-pensjoni ta' invalidita' b'rata settimnali ta' €126.74, flimkien ma' bonus ta' €135.10 kull sitt (6) xhur;[136]

f. *Ix-xhieda ta' Vincent Borg in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Enerġija u Ilma*,[137] li jikkonferma li l-attur kien impjegat fis-segretarjat tal-Ministru tal-Enerġija u Proġetti, fejn waqaf jaħdem fil-11 ta' Jannar 2014;[138]

g. *Ix-xhieda ta' Emanuel B*,[139] li jikkonferma li l-attur ilu ma jgħix miegħu mis-sena 2020, għaliex qabel l-attur u martu kien jgħixu miegħu f'Santa Luċija Malta;

---

[130] Fol. 1136.
[131] Fol. 1064.
[132] Fol. 1068.
[133] Fol. 1069.
[134] Fol. 1070.
[135] Fol. 1136.
[136] Fol. 1139.
[137] Fol. 1065.
[138] Fol. 1071 – 1075.
[139] Fol. 1157.

h. *Ix-xhieda ta' Svetlana B*,[140] tikkonferma li hi u l-attur iżżewġu fl-2009, u wara ż-zwieġ għamlu xi ħames (5) xhur jgħixu l-Qajjenza, u wara għamlu xi żmien jgħixu fil-garaxx tal-Fgura. Iżda kosegwentament marru jgħixu mal-ġenituri tal-attur ġewwa Santa Luċija Malta. Fil-preżent tikkonferma li jgħixu l-Belt f'post tal-*housing*. Ix-xhud tikkonferma li taħdem bħala *sales advisor* mis-sena 2017.

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern, b'mod partikolari fir-rigward ta' varjazzjoni ta' kuntratt.

Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont issubartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ*

[140] Fol. 1158.

*tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149";*

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Madanakollu f'dan il-kuntest, wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn manteniment ex contractu u mantentiment stabbilt ġudizzjarment, u dan fid-dawl tal-ġiurisprudenza l-aktar riċenti li qiegħda tagħmel tali distinzjoni. Tali distinzjoni qiegħda ssir in vista tal-fatt li fejn si tratta ftehim bonarju per via ta' kuntratt għandu jgħodd bi sħiħ il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda*. Il-Qorti tara illi l-kwistjoni in diżamina hija marbuta ma' ftehim kontrattwali bejn il-partijiet, u għaldaqstant il-punto di partenza għandha tkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet – ċjoe' huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt, u b'hekk għandu japplika l-prinċipju legali *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin talpartijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut talkuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[141] Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi rizolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, filfatt il-liġi stess teziġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.[142] F'dan il-kuntest, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri**,[143] fejn ġie ribadit illi:

*"Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza* ***Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359****). F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu. (***Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998****) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet. "Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet* ***General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)*** *intqal li bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-*

[141] **Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002.
[142] **Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino**, u **Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe**, deċizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 1997 u t-8 ta' Jannar 2010, rispettivament
[143] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' April 2015

*kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li jellha tipprevali u trid tigi osservata – **pacta sunt servanda**”.*

Fil-kuntest ta' mateniment u d-duttrina legali tal-*pacta sunt servanda,* ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grech vs Pauline Grech**,[144] fejn ġie ribadit illi: *"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn ilkonjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."* (sottolinejar ta' din il-Qorti).

Għaldaqstant mill-ġurisprudenza appena ċitata, jidher illi fir-rigward ta' ftehim *ex contractu*, dan jista' biss jiġi varjat f'każ li tiġi stabbilita u ppruvata li l-persuna li qed titlob il-varjazzjoni sfat fl-impossibilita', u mhux sempliċiment diffikulta', li tkompli tħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet. Dan l-insenjament ġie spjegat ulterjorament fis-sentenza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**,[145] hekk kif il-Qorti tal-Appell saħqet illi:

*"F'dik is-sentenza (b'referenza għas-sentenza Alfred Grech vs Pauline Grech), din il-Qorti wara li kkunsidrat il-gurisprudenza anterjuri, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Mary Vella v. Mario Vella**,[146] ikkonkludiet li, filwaqt li l-principju pacta*

[144] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' April 2004.
[145] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012.
[146] App.Inf - deciza 11/01/1996.

*sunt servanda ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-parti li gabuha fl-impossibbilita` li tkompli tezegwixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta` li tirrevedi dan l-obbligu. Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju ad impossibilia nemo tenetur, li jifforma r-ratio legis tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt".*

*In breve parole* jiġi spjegat u dan kif ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Beatrice Sare' vs William Sare'**,[147] l-eżerċizzju tal-Qorti meta rinfaċċjata b'talba bħal dik odjerna għandu jinqasam fi tnejn (2), ċjoe' fejn *in primis* il-Qorti għandha l-obbligu li tevalwa jekk r-reviżjoni mitluba tkunx ġiet ikkontemplata mill-partijiet fil-kuntratt u fil-ftehim minnhom iffirmati. Fin-nuqqas ta' dan fejn il-partijiet ma jkunux stabbillixxew ċirkostanzi fejn il-manteniment pagabbli jista' jiġi varjat fil-futur, il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tgħaddi sabiex teżamina l-pożizzjoni legali fir-rigward tat-talbiet għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt fil-parametri ta' dak li ġie mgħallem mill-Qorti fis-sentenza flismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**,[148] fis-sens illi b'mod ġenerali għandu japplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda għandu japplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*.

Dan l-insenjament kompla ġie addottat riċentament minn din il-Qorti fis-sentenzi: (i) **Michael Gerald Mifsud vs Susan Midolo**,[149] (ii) **Mary Ann Buhagiar vs Stefan Farrugia**,[150] (iii) **Joseph Caruana vs Claudette Camilleri**,[151] (iv) **Mark Micallef pro et noe vs Ramona Caruana**,[152] **Robert Gordon Mayo vs. Rita Galea**.[153]

[147] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' Mejju 2013, mhux appellata.
[148] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012.
[149] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar is-7 ta' Lulju 2020, mhux appellata.
[150] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar il-14 ta' Ottubru 2021, mhux appellata.
[151] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhua appellata.
[152] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhux appellata.
[153] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar it-8 ta' Marzu 2022, mhux appellata.

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern:

Applikati l-prinċipji legali surreferiti għal każ in diżamina, sabiex tasal għall-konklużjoni dwar jekk it-talbiet tal-attur f'dan ir-rigward jimmeritawx jiġu akkolti *o meno,* il-Qorti trid tevalwa:

i. Jekk il-varjazzjoni mitluba hijiex kontemplata fil-kuntratt tal-partijiet rigward il-minuri, fis-sens illi fl-imsemmi kuntratt hemmx indikat dawk iċ-ċirkostanzi partikolari fejn il-manteniment pagabbli jista' jiġi b'xi mod varjat;

ii. Fin-nuqqas tas-suespost, teżamina l-pożizzjoni attwali fis-sens illi b'mod ġenerali tapplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda tapplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*.

Fil-każ odjern, il-Qorti rat il-klawsola li fuqha qiegħed jibbaża ruħu l-attur, ir-raġunijiet mresqa minnu sabiex jiġġustifika tali varjazzjoni u l-provi sabiex jissostanza l-istess.

Fl-ewwel lok tara illi l-kuntratt in eżami ma jinkludix fih ċirkostanzi u/jew kondizzjonijiet speċifiċi li permezz tagħhom l-attur seta' jitlob li l-manteniment jiġi mwaqqaf jew *se mai* ridott. Għalhekk u ġialadarba l-imsemmi kuntratt ma jagħmel ebda referenza għal xi forma ta' bdil fiċ-ċirkostanzi, jirriżulta ċar li l-intenzjoni bejn il-partijiet kienet dik li tali manteniment da parti tal-attur jibqa' jitħallas versu martu fi kwalunkwe eventwalita' għaliex altrimenti l-istess kuntratt kien jirrifetti dan. B'hekk, in vista li ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar ir-riduzzjoni tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-intimata, u fin-nuqqas ukoll ta' ċirkostanzi speċifiċi fil-kuntratt rigward il-minuri, tali sitwazzjoni ġiet imqiegħda għall-ġudizzju tal-Qorti, fejn din tal-aħħar sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha għandha tapplika l-prinċipji legali kif mgħallem mill-ġurisprudenza nostrana.

F'dan l-istadju u fit-tieni lok, il-Qorti trid tapplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda tapplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*. B'hekk stabbilit il-premess, dak li l-Qorti trid tinvestiga huwa jekk l-allegati tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-attur humiex tali jwassluh għall-impossibilita' tiegħu, u mhux

sempliċiment diffikulta', li jħallas il-manteniment lil martu skont il-kuntratt datat 20 ta' April 2011.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi jirriżulta manifest li, wara ċertu żmien mill-iffirmar tal-kuntratt rigward ulied il-partijiet, seħħ tibdil drastiku f'saħħet l-attur u *per konsegwenza* tali tibdil seħħ ukoll fil-pożizzjoni finanzjarja tiegħu. Jirriżulta ċar ukoll illi meta ġie ffirmat il-kuntratt, l-attur diġa' kien ibati minn problemi ta' saħħa mentali, madanakollu ma jirriżultax li tali kwistjoni kienet tippreżentalu ostakolu sabiex fil-kuntratt in eżami jobbliga ruħu li jħallas manteniment lill-konvenuta għal uliedu. Pero' wara l-iffirmar tal-kuntratt, żviluppaw lill-attur problemi ulterjuri, senjatament wara l-operazzjoni li seħħet fis-27 ta' Marzu 2015 jingħad illi l-attur beda jbati minn *"nerve entrapment syndrome"* liema kundizzjoni tikkawża uġigħ konsistenti. Minħabba tali kundizzjonijiet, kemm psikoloġiċi kif ukoll fiżici, jidher li l-attur ġie kklasifikat mit-tobba u professuri li jsegwuh, bħala persuna li mhux f'pożizzjoni li jaħdem. Minħabba tali raġuni, l-attur ġie ukoll imniżżel fir-reġistru tal-persuni b'diżabilita'. Fil-fatt jidher li l-attur l-aħħar li ħadem kien proprju f'Mejju tal-2016, u konsegwentament l-attur ġie klassifikat li ma jistgħax jaħdem minn bord mediku kif kompost mill-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta), tant li abbażi d-deċiżjoni tal-istess bord, l-attur beda jipperċepixxi l-pensjoni tal-invalidita' sa mill-5 ta' Mejju 2018. Magħdud ma' dan, jirriżulta ukoll illi l-attur issottommetta applikazzjoni għar-reviżjoni tal-pensjoni tal-invalidita' nhar id-29 ta' Jannar 2022[154] li ġiet per konsegwenza sottomessa quddiem bord mediku fis-16 ta' Frar 2022.[155] Jirriżulta li l-bord mediku wasal għal konklużjoni li l-pensjoni tal-invalidita' tal-attur kellha tiġi mġedda għal sentejn oħra, liema deċiżjoni ġiet aċċettata mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali nhar il-25 ta' Frar 2022.[156]

Fil-fehma tal-Qorti, tali provi manifestament jistabbilixxu illi l-attur mhux sempliċiment jinsab fid-diffikulta' li jħallas il-manteniment kif pattwit, u ċjoe' €50 kull ġimgħa għal kull wild li jammontaw għal €200 kull erba' (4) ġimgħat, iżda fl-impossibilita' li dan jagħmlu, hekk kif iċ-ċirkostanzi ta' mard tal-attur li seħħew wara l-iffirmar tal-kuntratt flimkien mal-problemi ta' saħħa mentali li diġa' kellu, jistgħu jiġu definiti bħala gravi, eċċezzjonali, u indipendenti mill-volonta' tiegħu stess, li kkaġġunaw l-impossibilita' fis-sens reali, estrem u inevitabbli li ma ġewx provokati b'xi aġir tal-attur innifsu. Ma hemm l-ebda dubju

[154] Fol. 1192.
[155] Fol. 1212.
[156] Fol. 1213.

illi l-introjtu tal-attur naqas drastikament, hekk kif fil-preżent l-attur qiegħed jgħix b'introjtu ta' €533.16 kull erba' (4) ġimgħat,[157] meta fil-passat kien jaqla' kważi d-doppju. Iżda mid-dokumenti ppreżentati, konfermi tat-tobba *ex parte*, inkluż dik tal-bord mediku, jidher inkonfutabbli illi l-kaġun għal dan it-tnaqqis huwa dovut għal problemi fis-saħħa tal-attur li ħakmuh matul iż-żmien, u li ma ġietx kaġunta minnu kappriċċożament. Għalhekk kwalunkwe forma ta' dubju li seta' kien hemm dwar xi intenzjoni kapriċċuża da parti tal-attur biex ma jaħdimx, hija eliminata. F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Antoine Grech vs. Josette Grech**,[158] fejn il-fattispeċji huma simili għal dawk odjerni, u l-istess raġunjament ġie addottat mill-Qorti kif diversament preseduta.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li l-konvenuta ma pprovdietx l-affidavit jew ix-xhieda *viva voce* tagħha. Lanqas jidher li attakkat id-dokumenti u r-rapporti tat-tobba ppreżentati mill-attur. Madanakollu l-Qorti tara li l-konvenuta tinsab f'impjieg fuq bażi *full-time reduced hours*, iżda ma tresqitx prova diretta ta' tali introjtu – għalkemm mill-*istatements* bankarji jidher li fl-2017 il-konvenuta għandha paga ta' madwar €2,000.[159] Nonostante l-fatt li hemm diskrepanza konsiderevoli bejn l-introjtu tal-partijiet, jibqa' l-fatt li l-manteniment ma jiddependix minn impjieg *o meno*, iżda huwa obbligu assolut tal-ġenitur versu uliedu.

Għalhekk u fid-dawl tal-fattispeċji partikolari tal-każ pdjern, il-Qorti tara li l-attur irnexxielu jipprova li l-mezzi finanzjarji tiegħu iddeterjoraw wara l-iffrmar tal-kuntratt, u konsegwentament it-talba tiegħu għal varjazzjoni tal-kuntratt fir-rigward tal-manteniment fis-sens illi għandu jkun hemm tnaqqis fil-manteniment, hija ġusta. Il-Qorti għalhekk tordna illi l-attur għandu jissoministra is-somma ta' €25 fil-ġimgħa għal kull wild, b'dana illi l-attur għandu jgħaddi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat lill-konvenuta bħala manteniment għal uliedu, liema somma tinkludi sehmu għal spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

## DEĊIDE:

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[157] Fol. 1191.

[158] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), nhar il-15 ta' Novembr 2011 (Rik. Ġur. Nru. 341/2008 NC), mhux appellata.

[159] Ara l-*bank statement* fejn jidher li daħlet il-paga tal-konvenuta nhar il-25 ta' Novembru 2017, a fol. 693.

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-mezzi finanzjarji tal-attur iddeterjoraw maż-żmien u dan wara l-iffirmar tal-kuntratt in eżami datat 20 ta' April 2011;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna l-varjazzjoni fil-kuntratt in eżami datat 20 ta' April 2011 pattwit bejn il-partijiet kontendenti u jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Ruth Antoinette Grima, b'dana illi l-konvenut għandu jibda jissomministra is-somma ta' €25 fil-ġimgħa għal kull wild, u ċjoe' jgħaddi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat lill-konvenuta bħala manteniment għal uliedu, liema somma tinkludi sehmu għal spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

L-ispejjez għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.